MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 1614/2004

**Image Systems Ltd (C 4052)**

**Vs**

**Pony Express Malta Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-20 ta` Awissu, 2004 fejn intalab li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` erba` mija u tlieta u tmenin lira, sitta u tletin centezmu (Lm483.36) rapprezentanti import ta` erbgha u ghoxrin kambjala li skadew fid-dati ndikati fl-istess avviz u kopja ta` liema kambjali lkoll flimkien gew esebiti bhala dokument wiehed immarkat Dok A;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 29 ta` April, 2004 u bl-imghax legali sal-pagament effettiv kontra s-socjeta` konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta datata 2 ta` Settembru, 2004 fejn ghalkemm tammetti l-validita` ta` l-istess kambjali, ssostni li l-hlas lura relattiv kellu jigi esekwit tramite xoghol provdut a rikjesta tas-socjeta` attrici. Fil-fatt il-photocopier kienet inxtrat bil-patt u kondizzjoni li socjeta` konvenuta thallasha lura permezz ta` servizzi li kienu sejrin jigu rezi u s-socjeta` konvenuta ghadha sa llum disposta li tirrendi tali servizzi.

Illi in vista tal-premess ghalhekk is-socjeta` konvenuta m`ghandhiex tbghati ebda spejjez u mghaxijiet.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti.

Sema` t-trattazzjoni maghmula mill-abbli difensur tas-socjeta` attrici.

Ikkunsidra.

Illi fil-kaz in ezami wiehed ghandu jezamina biss sa certu punt jekk fil-fatt kienx jezisti dan il-ftehim o meno allegat mill-konvenut li l-hlas lura kellu jsir “in kind” tramite servizzi. Inghad sa certu punt peress illi s-socjeta` konvenuta ma resqet ebda eccezzjonijiet ta` natura legali fil-konfront tal-kambjali esebiti – anzi jikkonferma li l-ammont riportat fl-istess kambjali huwa gust u dovut.

Ian Romano, Assistant Accountant tas-socjeta` attrici jikkonferma li l-konvenut kien xtara minghandhom photocopier tad-ditta Zerox u kontra taghha kienu hargu diversi kambjali debitament iffirmati miz-zewg nahat. Jikkonferma wkoll li kemm il-hlas relattiv ghal dawn il-kambjali baqghu qatt ma` gew onorati u kif ukoll li anqas ma ngabet xi prova ta` xi ftehim dwar modalita` alternattiv ta` pagament.

Paul Pisani ghas-socjeta` konvenuta jallega li huwa kien ghamel ftehim ma` Joe Galea mpjegat tas-socjeta` attrici li ta` l-ahhar jghaddilu photocopier u l-hlas tieghu jsir billi s-socjeta` konvenuta tirrendi s-servizzi taghha lis-socjeta` attrici. Meta baghatulu l-kambjali biex jiffermhom, huwa jghid li ghazel li jiffirma l-istess f’sens ta` rgulija

ghalkemm, skond hu, kien jaf is-sinifikat ta` kambjala u nonostante li kien hemm l-allegat ftehim ta` hlas permezz ta` barter u mhux tramite flus kontanti. Fuq domanda tat-Tribunal dan ix-xhud gharaf il-firem tieghu fuq l-istess kambjali meritu ta` dina l-kawza u kif ukoll li l-istess photocopier kienet giet debitament konsenjata lilu u li kienet ghadha ghandu sa dak in-nhar. Jghid ukoll li s-socjeta` attrici baqghet qatt ma utilizzat is-servizzi tas-socjeta` konvenuta.

Joe Galea, li kien il-persuna ndikata minn Paul Pisani jikkonferma li kienu minnu li fiz-zmien meta il-konvenut kien wasal biex jixtri l-photocopier minghandhom huwa pprova jhajjarhom biex jibdew juzaw is-servizzi tieghu u ghalhekk kien ikkoordina laqgha mas-superjuri tieghu. Jikkonferma wkoll li seta` sar diskors fis-sens li l-konvenut jiehu l-photocopier minghandhom u mbaghad jibda` jigi bbilancjat il-kont meta eventwalment jibdew juzaw is-servizzi ta` l-istess socjeta` konvenuta. Sa fejn jaf hu pero` dan il-ftehim qatt ma gie konkluz – qatt ma sar bil-miktub – qatt ma gew diskussi u pattwiti d-dettalji ta` dan l-eventwali ftehim – fi kliem iehor ma kien hemm ebda follow up ghal din il-laqgha u s-socjeta` attrici baqghet qatt ma uzat is-servizzi tas-socjeta` konvenuta. Mill-banda l-ohra, il-makna giet konsenjata u l-kambjali ffirmati.

Illi kif gia` nghad qabel f'dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-konvenut mhux talli ma gab, qajjem ebda eccezzjoni ta` natura legali f'din l-azzjoni ta` natura kambjarja izda anqas ma kkontesta l-istess kambjali, anzi kkonfermhom. Illi ghalkemm inghata l-opportunita` ta` smiegh biex iressaq provi dwar l-allegat modalita` alternattiv ta` ripagament huwa naqas li jaghmel dan u jidher li dan il-ftehim ghalkemm seta` kien li gie diskuss pero` certament qatt ma gie konkluz b'mod definittiv bejn il-partijiet.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, t-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjoni sollevati mis-socjeta` konvenuta, kwindi jilqa` t-talbiet tas-socjeta` attrici u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta thallasha s-somma mitluba ta` erba` mija u tlieta u tmenin lira u sitta u tletin centezmu

(Lm483.36) bl-imghax legali dekorribbli mid-29 ta` April, 2004 u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu tas-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------